Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2118

31.7.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2118**

**tal-25 ta' Ġunju 2024**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trasparenza f'Arbitraġġ ibbażat fuq Trattat bejn l-Investituri u l-Istat**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-investiment barrani dirett ġie inkluż fil-lista tas-suġġetti li jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni. Skont l-Artikolu 3(1), il-punt (e), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni għandha kompetenza esklussiva fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni.

(2) Fl-Opinjoni 2/15 tas-16 ta' Mejju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) iċċarat id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fil-kuntest tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore ([1]), fejn iddikjarat li t-tneħħija tat-tilwim mill-ġuriżdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri ma tistax tkun ta' natura purament anċillari u, għalhekk, ma tistax tiġi stabbilita mingħajr l-approvazzjoni tal-Istati Membri. Il-QĠUE ċċarat il-proċedura għall-konklużjoni ta' ftehimiet imħallta fl-Opinjoni 1/19 tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul).

(3) Fl-10 ta' Frar 2014, il-Kunsill u l-Istati Membri awtorizzaw lill-Kummissjoni tinnegozja konvenzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tat-trasparenza għas-soluzzjonijiet tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istat taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (UNCITRAL).

(4) Fid-9 ta' Lulju 2014, dawk in-negozjati ġew konklużi b'suċċess. Fl-10 ta' Diċembru 2014, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trasparenza fl-Arbitraġġ bejn l-Investitur u l-Istat ibbażat fuq Trattat ("il-Konvenzjoni") ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Fis-17 ta' Marzu 2015, il-Konvenzjoni nfetħet għall-iffirmar f'Port Louis, Mauritius, u wara dan fil-Kwartieri Ġenerali ta-Nazzjonijiet Uniti fi New York.

(5) Huwa mixtieq li kemm jista' jkun jiġu applikati r-Regoli tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (UNICITRAL) dwar it-Trasparenza f'Arbitraġġ ibbażat fuq Trattat bejn l-Investituri u l-Istat ("ir-Regoli") għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istat. Fir-rigward tal-Unjoni, ir-Regoli jenħtieġ li japplikaw għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ([2]).

(6) Qed tittieħed nota li t-tieni n-nota ta' qiegħ il-paġna tal-Artikolu 1 tar-Regoli tfisser li l-Unjoni, meta taġixxi ta' intimat, għandha tapplika l-Artikolu 7, il-paragrafu 5, tar-Regoli, sabiex tipprevjeni l-iżvelar ta' informazzjoni li l-Unjoni tqis li tmur kontra l-interessi essenzjali ta' sigurtà ta' Stat Membru.

(7) Jenħtieġ li l-Unjoni ma tapplikax ir-Regoli meta taġixxi ta' intimat fil-każ ta' tilwima mibdija f'konformità mat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija kontra Stat Membru li mhux parti għall-Konvenzjoni, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mal-Istat Membru kkonċernat.

(8) Jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi ffirmata f'isem l-Unjoni.

(9) F'konformità mat-Trattati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura l-iffirmar tal-Konvenzjoni, soġġett għall-konklużjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni dwar it-Trasparenza f'Arbitraġġ ibbażat fuq Trattat bejn l-Investitur u l-Istat ("il-Konvenzjoni") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni msemmija.

([1]) ĠU L 294, 14.11.2019, p. 3.
([2]) ĠU L 380, 31.12.1994, p. 24.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-iffirmar tal-Konvenzjoni.

*Artikolu 3*

Meta tiffirma l-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tagħmel riżerva f'konformità mal-Artikolu 3(1)(*a*) tal-Konvenzjoni li skontha l-Unjoni ma għandhiex tapplika r-Regoli tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (UNCITRAL) dwar it-Trasparenza f'Arbitraġġ ibbażat fuq Trattat bejn l-Investituri u l-Istat ("ir-Regoli") meta taġixxi bħala intimat fil-każ ta' tilwima mibdija skont it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija kontra Stat Membru li mhuwiex parti għall-Konvenzjoni sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mal-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 4*

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-operat tar-Regoli f'tilwim fejn l-Unjoni tkun qed taġixxi bħala intimat. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni Ewropea, għandu jevalwa mill-ġdid ir-riżerva msemmija fl-Artikolu 3 u jadotta deċiżjoni dwar l-emendar jew l-irtirar ta' dik ir-riżerva. Jekk ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda qbil fil-Kunsill, ir-riżerva msemmija fl-Artikolu 3 għandha tibqa' valida, soġġetta għal rieżami perjodiku kull ħames snin. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni dwar l-irtirar ta' dik ir-riżerva jekk l-Istati Membri kollha jikkonkludu l-Konvenzjoni jew meta l-Artikolu 47(3) tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija jieqaf milli jkollu effett għall-Unjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ġunju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. LAHBIB